

Brussell, 16 ta' Meju 2022  
(OR. fr)

8577/22

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0047(COD)

---

---

LIMITE

TELECOM 174  
COMPET 270  
MI 322  
DATAPROTECT 116  
JAI 554  
JUSTCIV 52  
PI 45  
CODEC 571

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6596/22
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess għad-data u l-użu tagħha (l-Att dwar id-Data) - Rapport ta' progress

---

**I. INTRODUZZJONI**

1. Il-Kummissjoni adottat il-proposta għal Regolament li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-aċċess għad-data u l-użu tagħha (l-Att dwar id-Data) fit-23 ta' Frar 2022<sup>1</sup>. Wara l-Att dwar il-Governanza tad-Data, din hija t-tieni waħda minn sensiela ta' miżuri proposti mill-Kummissjoni, kif imħabbar fl-Istrateġija Ewropea għad-Data tal-2020<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> dok. 6596/22.

<sup>2</sup> [COM/2020/66 final](#).

2. L-objettivi prinċipali tal-proposta tal-Kummissjoni, ibbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE, huma li tiġi żgurata l-ġustizzja fl-allokkazzjoni tal-valur mid-data fost l-atturi fl-ekonomija tad-data u biex jitrawwem l-aċċess għad-data u l-użu tagħha. Hija biċċa leġiżlazzjoni orizzontali, li dalwaqt għandha tiġi kkomplementata b'leġiżlazzjoni addizzjonali għal setturi speċifiċi. B'mod aktar speċifiku, l-abbozz ta' Att dwar id-Data għandu l-għan li jiffaċilita l-aċċess għad-data u l-użu tagħha mill-konsumaturi u n-negozji billi jżid iċ-ċertezza legali madwar il-kondiviżjoni tad-data ġġenerata mill-użu ta' prodotti (pereżempju, l-Internet tal-Oġġetti), li jistabbilixxi regoli li jiżguraw kuntratti ġusti għall-kondiviżjoni tad-data u li jippermetti lill-korpi tas-settur pubbliku jużaw id-data miżmuma mill-kumpaniji f'ċerti sitwazzjonijiet fejn ikun hemm ħtieġa eċċezzjonali għad-data. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tiffaċilita l-bdil tal-fornituri tas-servizzi tal-ipproċessar tad-data, tistabbilixxi salvagwardji kontra t-trasferimenti illegali tad-data mill-fornituri tas-servizzi tal-cloud u tipprevedi l-iżvilupp ta' standards tal-interoperabbiltà għall-użu mill-ġdid tad-data bejn is-setturi.
3. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (ITRE) inġatar bħala l-kumitat responsabbli għan-negozjati rigward l-Att dwar id-Data. F'Marzu 2022, il-Kumitat ITRE ġatar lil Pilar Del Castillo Vera (PPE, Spanja) bħala rapporteur. Madankollu, il-Parlament Ewropew għadu fil-proċess li jiddeċiedi dwar il-kompetenzi u l-modalitajiet ta' parteċipazzjoni ta' kumitati oħra (IMCO, JURI u LIBE).
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Regġuni ġew mitluba jipprovdu l-opinjoniġiet tagħhom dwar il-proposta fid-29 ta' Marzu 2022 u fit-12 ta' Mejju 2020, rispettivament. L-opinjoniġiet għadhom pendenti.
5. Fil-5 ta' Mejju 2022, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS) ġarġu opinjoni konġunta dwar il-proposta<sup>3</sup>.

---

<sup>3</sup> [Opinjoni Konġunta 2/2022 tal-EDPB-EDPS dwar il-Proposta tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha \(l-Att dwar id-Data\).](#)

## II. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL

6. Fil-Kunsill, l-eżami tal-proposta twettaq fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Telekomunikazzjoni u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni (minn hawn 'il quddiem, il-Grupp ta' Ħidma TELECOM). Il-Grupp ta' Ħidma TELECOM eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu tal-1, l-10, it-22, id-29 u l-31 ta' Marzu, il-5 u s-26 ta' April 2022 u t-3 ta' Mejju 2022. Matul dawn il-laqgħat, il-Kummissjoni ppreżentat fid-dettall it-test kollu tal-proposta, kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha. Id-delegazzjonijiet setgħu jistaqsu l-mistoqsijiet inizjali tagħhom u jiskambjaw fehmiet malajr dwar il-biċċa l-kbira tal-aspetti tal-proposta. **B'hekk, fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM, fit-3 ta' Mejju 2022, il-Presidenza Franċiża lestiet l-ewwel qari tal-abbozz ta' Att dwar id-Data.**
7. Minbarra l-ħidma mwettqa fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM, il-Presidenza Franċiża organizzat tliet sessjonijiet ta' ħidma bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni u esperti mill-bliet kapitali, abbażi ta' mistoqsijiet u talbiet għal kjarifika ppreżentati bil-miktub minn qabel mid-delegazzjonijiet. Is-sessjonijiet ta' ħidma saru fit-13, l-20 u l-25 ta' Mejju u ppermettew lid-delegazzjonijiet japprofondixxu s-suġġetti koperti mill-abbozz ta' Att dwar id-Data, filwaqt li ppermettew interazzjoni diretta bejn l-esperti mill-bliet kapitali u l-Kummissjoni. Is-sessjonijiet ta' ħidma kienu apprezzati ħafna mid-delegazzjonijiet u ġew imfaħħra talli taw il-kjarifiki meħtieġa dwar kif uħud mid-dispożizzjonijiet proposti jistgħu jaħdmu fil-prattika.
8. Fil-25 ta' Mejju 2022, il-Presidenza Franċiża talbet lill-Istati Membri jippreżentaw is-suġġerimenti inizjali tagħhom għall-abbozzar u l-kummenti bil-miktub tagħhom dwar it-test kollu tal-proposta sal-10 ta' Ġunju 2022.

9. Għalkemm id-diskussjonijiet dwar l-abbozz ta' Att dwar id-Data għadhom fi stadju bikri ħafna fil-Grupp ta' Ħidma TELECOM, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri laqgħu l-proposta u d-dispożizzjonijiet ewlenin tagħha, li jikkostitwixxu pass importanti fl-iżvilupp tal-ekonomija Ewropea tad-data. F'dan l-istadju tad-diskussjonijiet, diġà ġew identifikati diversi kwistjonijiet ta' livell għoli li mistennija jirrikjedu aktar diskussjonijiet fil-futur:

### **Kamp ta' Applikazzjoni**

- a) Għadd ta' delegazzjonijiet esprimew dubji dwar l-għażla li saret fil-proposta fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, b'mod partikolari d-deċiżjoni li tiffoka biss fuq id-data tal-Internet tal-Oġġetti u li teskludi data minn prodotti oħra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti kapitoli. Approċċ bħal dan jista' jitqies dejjaq wisq u, għal din ir-raġuni, dan is-suġġett ser jistħoqqlu aktar diskussjoni. Fl-istess ħin, kapitoli oħra jidhru li jindirizzaw it-tipi kollha ta' data, u għalhekk jista' jkun meħtieġ li fil-proposta għal Regolament jiġi speċifikat b'mod aktar espliċitu liema partijiet tal-proposta jkopru liema tipi ta' data.

### **Definizzjonijiet**

- b) Ġie indikat ukoll li għadd ta' termini użati fl-abbozz ta' Att dwar id-Data propost ingħataw definizzjonijiet ġodda, għalkemm diġà ġew definiti fl-eġiżlazzjoni relatata oħra bħall-GDPR jew l-Att dwar il-Governanza tad-Data. Ser tkun meħtieġa diskussjoni ulterjuri biex jiġi ddeterminat jekk dawn id-definizzjonijiet ġodda tal-istess termini humiex ġustifikati u jekk ir-ritorn għad-definizzjonijiet eżistenti jkunx għażla aktar xierqa. Barra minn hekk, jista' jkun meħtieġ li jiġu definiti xi termini addizzjonali biex tiġi ffaċilitata l-interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet proposti.

### **Interazzjoni ma' leġislazzjoni orizzontali u settorjali eżistenti**

- c) Ir-relazzjoni bejn l-abbozz ta' Att dwar id-Data u leġislazzjoni orizzontali rilevanti oħra, bħar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, il-fluss liberu ta' data mhux personali u l-Att dwar il-Governanza tad-Data, jeħtieġ li tiġi eżaminata aktar, pereżempju fir-rigward tar-rwol tad-diversi kumitati stabbiliti skont dawn ir-Regolamenti. Kwistjoni ewlenija li għandha tiġi analizzata ser tkun il-kompetenza tal-korpi futuri maħtura fil-livell nazzjonali meta jimmonitorjaw każijiet li jaqgħu taħt ir-reġimi differenti fl-istess ħin.

### **Data tal-IoT (Internet tal-Oġġetti)**

- d) Xi delegazzjonijiet innotaw li d-dispożizzjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-valur tul il-katina tal-valur tal-Internet tal-Oġġetti, kif attwalment proposti fl-Att dwar id-Data, jistgħu jeħtieġu li jiġu adattati biex jieħdu kont tal-ispeċifitàjiet tas-setturi differenti u l-hteġa li jiġu protetti d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Bosta delegazzjonijiet esprimew ix-xewqa qawwija tagħhom li jiċċaraw l-arranġamenti prattiċi għall-implimentazzjoni tal-kondiviżjoni tad-data. F'dan ir-rigward, huma jqisu li idealment ikun hemm kjarifika ulterjuri tat-terminoloġija.

### **Kondiviżjoni tad-data B2G abbażi ta' hteġa eċċezzjonali**

- e) Xi delegazzjonijiet iqisu li d-definizzjoni ta' "hteġa eċċezzjonali" hija partikolarment wiesgħa u tirreferi għal żewġ kunċetti ġenerali ħafna u pjuttost vagi ta' urġenza pubblika u ta' interess pubbliku. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet B2G, ser ikun meħtieġ li jiġi eżaminat f'aktar dettall kif dawn il-kunċetti għandhom jinftiehm.

### **Bdil bejn is-servizzi tal-ipproċessar tad-data**

- f) Għadd ta' Stati Membri esprimew tħassib li perjodu wieħed ta' 30 jum, li jista' jiġi estiż għal sitt xhur, ma jkunx perjodu ta' żmien xieraq għall-każijiet kollha ta' bdil tal-cloud. Għalhekk, ser ikunu meħtieġa aġġustamenti aktar preċiżi biex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jkunu ċari kemm jista' jkun. Id-diskussjonijiet urew ukoll interess reali fl-implimentazzjoni ta' miżuri ambizzjużi ta' bdil tal-fornituri għall-benefiċċju tal-utenti Ewropej tal-cloud.

### **III. KONKLUŻJONI**

Il-Coreper huwa mistieden jieħu nota ta' dan ir-rapport ta' progress mill-Presidenza, bil-ħsieb li jippreżentah lill-Kunsill Telekomunikazzjoni (TTE) fil-laqgħa tiegħu tat-3 ta' Ġunju 2022.